MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2006

Avviz Numru. 276/2003

**Borg Transportation Limited**

**Vs**

**Pilastri Construction Limited (C17532)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tal-ammont komplessiv ta' elf u tmien mitt Liri Maltin u erba' u sittin centezmu (Lm1800.64) rapprezentanti in kwantu ghal elf u mitt Liri Maltin u erba' u sittin centezmu (Lm1100.64) prezz ta' diesel mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta konvenuta fuq inkarigu taghha stess f'zewg konsenji li saru fi Frar tas-sena 2002 u iehor f'Jannar 2003, u in kwantu ghal seba' mitt Liri Maltin (Lm700) valur ta' tank tad-diesel installat fuq il-proprjeta' tas-socjeta konvenuta f'Birzebbugia sabiex fih tahzen l-istess diesel li kien jigi lilu supplit mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjes kollha tal-prezenti, inkluz il-Mandat ta’ Qbid pprezentat mal-avviz, u bl-imghax kummercjali kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 26, fol 27, fol 30 u fol 32 tal-atti.

Kif ukoll dak verbalizzat waqt is-seduta tallum stess oltre d-digriet moghti illum stess li permezz tieghu gie michud ir-rikors tas-socjeta konvenuta presentat fl-4 ta’ Lulju 2006.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fit-28 ta’ Gunju 2006 meta gew prezentati l-kapitoli fis-7 ta’ Lulju 2006 u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma komplessiva ta' Lm1800.64,0 bl-imghax legali mit-23 ta’ Mejju 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju tat-23 ta’ Mejju 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------